

**Appell ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2019 minn Silgan Closures GmbH, Silgan Holdings, Inc.
mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) fil-15 ta' Marzu 2019 fil-Kawża T-410/18,
Silgan Closures GmbH, Silgan Holdings, Inc. vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-418/19 P)

(2020/C 103/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Silgan Closures GmbH, Silgan Holdings, Inc. (rappreżentanti: H. Wollmann, D. Seeliger, R. Grafunder u V. Weiss, Rechtsanwälte)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tad-29 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (L-Għaxar Awla) čāħdet l-appell bħala parjalment manifestament inammissibbli u parjalment manifestament infondat u kkundannat lill-appellant għall-ispejjeż tagħhom stess.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hamburg (il-Ġermanja) fit-12 ta' Awwissu
2019 – Flightright GmbH vs Iberia LAE SA Operadora Unipersonal**

(Kawża C-606/19)

(2020/C 103/09)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hamburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Flightright GmbH

Konvenuta: Iberia LAE SA Operadora Unipersonal

Permezz ta' digriet tat-13 ta' Frar 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li t-tieni inċiż tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-“post tat-twettiq”, fis-sens ta’ din id-dispożizzjoni, fir-rigward ta’ titjira kkaratterizzata minn riżervazzjoni waħda kkonfermata għat-traġġit kollu u maqsuma f'diversi segmenti, jista’ jkun ikkostitwit mill-post tat-tluq tal-ewwel segment tat-titjira, meta t-trasport relataż ma’ dawn is-segmenti tat-titjira huwa mwettaq minn żewġ trasportaturi bl-ajru separati u meta r-rikors għad-danni, ippreżentat abbażi tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallew x-jitilgħu u ta’ kanċellazzjoni jew dewmien twil ta’ titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91⁽²⁾, jirriżulta mill-kanċellazzjoni tal-aħħar segment tat-titjira u huwa ppreżentat kontra t-trasportatur bl-ajru responsabbi għal dan l-aħħar segment.

⁽¹⁾ ġU 2012, L 351, p. 1.

⁽²⁾ ġU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.